**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D., M. Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**
**Vs**
**Daniela Spiteri**

**Illum, 9 ta' Settembru, 2015**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Daniela Spiteri** ta' 33 sena, bint Carmelo u Mary nee' Spiteri, imwielda l-Pieta' nhar it-22 ta' Dicembru, 1981, residenti gewwa 2, Milton Flat, Birkirkara Road, San Giljan u detentrici tal-karta tal-identita' 22282M;

Akkuzata talli:

1. Fit-8 ta' Settembru, 2015 ghall-habta ta' 16:30hrs, minn gewwa l-istabilliment Calliope, li jinsab gewwa Baystreet, San Giljan, ikkommettiet serqa ta' hwejjeg, liema valur jammonta ghal mija u erbgha u tletin ewro u disghin centezmu (€134.90);

2. U aktar talli saret re0063ediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mill-Qorti ta' Malta datata nhar il-25 ta' Settembru 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

3. Aktar talli kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha skond il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilha mill-Qorti ta' Malta datata nhar il-25 ta' Settembru 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

4. U aktar talli naqset milli tosserva l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet taghha li bih inghatat il-helsien mill-arrest, kif ukoll waqt li kienet mehlusa mill-arrest ikkommettiet delitt li mhuwiex wiehed ta' natura involontarja u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 tal-Kap 9;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikunsidra il-posizzjoni taghha.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, l-Qorti issib lill-imputata hatja stante illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ghalhekk din hija sodisfacentament pruvata.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-Qorti qed tillibera lill-imputata stante illi s-sentenza imsemmija kienet tirrigwarda ordni ta' *probation* li ma tammontax ghall-kundanna u konsegwentament ir-recidiva ma tirrizultax.

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-Qorti issib lill-imputata hatja stante illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ghalhekk din hija sodisfacentament pruvata.

Illi fir-rigward tar-raba' mputazzjoni, l-Qorti qed tillibera lill-imputata stante li din ma tirrizultax.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qeghda tinstab hatja l-imputata, il-koperazzjoni taghha mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghha li mhix wahda netta.

Il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni wkoll li l-imputata ghandha problema serja ta' droga u ghalhekk jehtieg li tigi ggwidata sabiex tohrog minn din il-problema.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(b) u

280(1), 261(f) u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha sitt xhur prigunerija sospizi ghal tliet snin. U b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht ordni ta' *probation* ghall-perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha moghtija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-*Probation*.

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur**

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur